# IL HABIB


Joħrog cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb*.

Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Apostolat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Aministratur: is-Sur Dŭardu Galea (str. Cristoforu, numru 174).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA — IL ĦAMIS, 22 TA FRAR, 1912. — NRU. 4.


*Inbiereu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parrocci taħħom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## APPOSTLI ĠODDA

Seŭûa igħidu li il għaġuża ma tridx tmut, għax ticber u titgħallem. Li rajna nafuħ, x'għad naraû min jafu? Rajna ħûejjeġ cbar u ħûejjeġ żgħar, ħûejjeġ tal ferħ u ħûejjeġ tal għali, ħûejjeġ tajjba u ħûejjeġ ħżiena, ħûejjeġ tal bichi u ħûejjeġ tad-daħc; imma ħaġa bħal din, għadna ma rajnihiex, chellna naraûha issa, u jecc minn banda il ûaħda kasmitna bit-daħc, għax taż-żuffiett ġmielha; mil banda l'oħra, bchejna, għax rajna f'liema tiġrif tinsab il għażiża, il maħbuba art tûelidna, Malta, li darba ixxarrbet bil għarak ta missierna San Paûl, għarak li maż-żmien chellu jitħallat ma demm missirijetna, meta kabżu għall Pajjishom u għall Fidi imkaddsa.

U din il ħaġa, u dan it-tiġrif x'in hu? Din il ħaġa huma l'appostli ġodda li ħarġu mnejn ma nafx, u dan it-tiġrif hu it-tagħlim karriek ta daûn l'appostli, tagħlim contra il Fidi nisranija, contra l'Aûtorità tal Cnisja, contra dac collu li tgħallimna il Cnisja Ommna; għaliex meta ûieħed jibda jieħu biż-żuffiett, jeû għax ħajjen, jeû biex jagħmilha tal gustus, jeû għax, mischin, imħallas, meta ûieħed jibda jieħu biż-żuffiett xi tagħlima tal Cnisja, mhux biss icun kal contra il Fidi, imma icun ċaħadha ucoll, tilifha: dan ma icunx Nisrani.

U daûna l'appostli ġodda chemm chemm ma jippretendux li huma aħjar u akûa minn daûc li geû magħżulin minn Gesù Sidna sabiex ixerrdu mad-dinja il chelma tas-saħħa u tal gid. Chemm chemm ma jidrilhomx li huma aħjar minn San Paûl Missierna; u daûn l'appostli ġodda ġreû il Malta minn fuk s'isfel, daħlu cullimchien, xerrdu cotba, stampaû carti, daħħluhom fid-djar, issa billi bagħtuhom bil posta, issa billi deffsuhom minn taħt il bûieb, u dan għalfejn? Biex igħidulna illi id-dlam tal injuranza u tas-superstizzjoni (jigifieri it-Tagħlim tal Fidi tagħna) għeb u spiċċa, u feġġ fl'aħħarnett id-daûl tal libertà u tal għerf, biex igħidulna illi cull ma igħallimna il Papa, l'Iskof u il Kassisin huma ħûejjeġ tal imgħoddi, li għamlu żmienhom, li jecc nemmnuhom incunu ħmir, muntuni u x'naf jena. Biex igħidulna li aħna ninsabu fil għama, il għaliex ir-Religjon Cattolica ma hix il vera; imma il vera Religion hi dic li iġġagħlec tidħac bil Madonna, bis-saûm, bil krar, bil Purgatorju; li tgħidlec li daûn collha ħmerijet. Biex, fl'aħħarnett, ûara li iġagħluc tagħmel bħal Ġuda, għax cull min jakleb dinu jista jixxebbaħ lill Cap tat-tradituri collha, itellifiec il paci f'din id-dinja u ruħec fl'oħra għall dejjem. Għax, għalchemm daûn l'appostli il ġodda igħidu li Papa, Iskof u Kassisin huma ħafna impusturi u ħafna ipocriti, ma jistax jirnexxilhom juru li l'infern hu impustura, u li ma hux kiegħed jistennihom, jecc ma jagħmlux il għakal; la darba Sidna Gesù kalilna li min ma jemminx hu diġà iccundannat; min ma jemminx jigifieri it-tagħlim tiegħu, it-tagħlim tal Cnisja tiegħu, it-tagħlim tal appostli, ta daûc l'antichi imma, mhux ta daûn il ġodda, li joboghdu il Cnisja ta Gesù u jiddieħcu bit-tagħlim taħħa, li hu it-tagħlim tas-seûûa, għax Gesù hu maħħa, u jibka maħħa sal aħħar tad-dinja. Issa, jecc daûn l'appostli il ġodda iridu li nemmnuhom, għandhom l'eûûelnett ma igħidux ħmerijet u it-tieni juruna bil provi jecc jirnexxilhom li Gesù Sidna hu maħħom.

*Araû li jena magħcom* (kal Sidna Gesù lill'Appostli tiegħu u lill daûc li laħku f'lochom ûarajhom), *cull jum, sal aħħar taż-żmienijet.* Aħna għandna id-dritt nippretendu din il prova, juruna li Gesù maħħom, mhux biss bil cliem, imma bil għamil, bħalma l'Appostli l'antichi, daûc jigifieri li geû maħturin minn Gesù, ureû bil għamil li Gesù chien maħħom chif ûegħedhom. Niftacru x'kal l'Appostlu missierna San Paûl lill'insara tal Galazja, u nieħduħ għalina: *Għalchemm ma jinsabx ieħor* (jigifieri Evangelju ieħor), *jinsabu xi uħud li kiegħdin iħaûûducom u li iridu jakilbu l'Evangelju ta Cristu. Imma jecc katt aħna, jeû xi anġlu mis-sema igħallimcom ħûejjeġ oħra barra minn dac li aħna għallimnicom, dan icun misħut.* Issa daûn l'appostli il ġodda kiegħdin igħallmu ħûejjeġ ġodda. Għandna aħna nemmnuhom? Jecc ma għandniex nemmnuhom, ankas jecc icunu anġli mis-sema, chif nistgħu nemmnuhom la mill'anġli ma għandhom xejn?

DUN MANŬEL.

## Biedja.

Il *Biedja* hi dic is-sengħa li biha għandhom il bdieŭa iġagħlu l'art troddilhom chemm jista' icun b'nefka mill'irħas: u għalhecc il *Biedja* hi ŭaħda mill'icbar ħŭejjeġ li fukha għandu iħaddem moħħu il bniedem.

Il biedja tal Ingliżi l'actar li tħabrec fuk l'uċuħ li jatu il għalf tal bhejjem, għax it-trobbija tal annimali hi l'akŭa għâna taħħa. Imma il biedja tal Franciżi, billi l'art ta Franza tbiddel ŭisk minn banda għal oħra, jigifieri fejn hi chiesħa u fejn hi sħuna, hi imsemmija għat-tiżŭik taħħa fil ħidma tar-raba. Hemm, imbagħd, il biedja tal Belgju, li trodd l'actar għalel tal bhejjem, ġŭież u l'uċuħ li jisŭeŭ għall'insiġ. Il biedja ta Spanja tati ġŭież ucoll: u miegħu inbejjed u frottijet. U il biedja tal-Taljani, fl'aħħarnett, actarx li hi l'iżjed imħallta minn cull ŭaħda oħra tal Eŭropa collha.

Imma, biex ngħidu is-seŭŭa, m'hemmx pajjiż li għandu tagħlim tal biedja għaliħ. Il bdieŭa ta cull-imchien jaħdmu b'femħa ŭaħda biex inisslu l'uċuħ: u ma ikallbux id-draŭŭiet tas-sengħa taħħom ħlief scond l' artijet fejn icunu, scond chemm icunu il kuddiem u id-daŭl li icollhom, scond f 'hiex isibu-ruħħom. U, iddur fejn iddur, l'aħjar sengħa tal bidŭi dejjem hi dic li trodd kliħ l'iżjed.

Haŭn issa jaħtieġ nistkarru b'għokla f 'kalbna li il *Biedja tagħna*—għad li ix-*Xirca Economico-Agraria* (dic li cull sena tagħmel *Ŭirja* il Buschett u dejjem issus ŭara il bdieŭa) ilha taħdem u tħabrec 69 sena—il *Biedja tagħna* għadha ŭisk l'ura u għandha ħafna x'isseŭŭi fis-sengħa taħħa. Imma fuk dan nibdeŭ nitchellmu darb'oħra: illum ngħidu biss liema huma ix-xogħlijet ta

FRAR

Ix-xahar tal gelbin.

Dac li jidher u isir fil biedja:

iraħħas—il għanżalor, iċ-ciprisc, iż-żorba, il

bamja, il banana, it-tuffiħ ta Belludja, ir-rummien, il bżar aħdar, il kasab, il prajn;
jiżhar—il berkuk, il frauli, iż-żnuber, ir-rand;
isajjar—il lumicell, li xcomp, il piżelli, il ful bicri;
jinża—il cappar.

Xoghol tal bdieŭa.

Fir-raba baghli.
Jinżerghu— it-tomnija imŭaħħra, il chemmun, il patata u it-tabacc;
jitnakkeŭ—iż-żara, il ful iŭaħħar, il chemmun bicri u il patata;
jinħarat—ir-raba għall koton u ghall bħajra;
jinħasdu—is-silla u il ŭidna ghall'aħdar;
titbejjet—il patata ta Gerusalemm.
Fir-raba sakŭi.
jinżerghu—il kara tŭil, il kara aħmar, il bżar aħdar u il bringiel.

PROVERBI:

Frar faŭŭar jimla li bjar.
Iżbel, ighidlu Frar; ma nistax, iŭiegħu iż-żara;
Ibka, mela, chif int, ghax żmien izjed ma hemmx ŭara.

W.

## NAHAL FUK IL ŬARD

*Fit-22 ta Frâr — Santa Margherita minn Cortona*—Tŭieldet it-Toscana mil fkâr. Ta seba' snîn tilfet l'ommha u missierha raġa' iżżeŭŭeġ. Mitluka għal rajjha iżżiemlet u xteħtet bla ebda mistħija għal ħajja il ħażina b'tiġrif cbir tal erŭieħ. Meta katlulha il maħbub tagħħa, Alla messilha kalbha u hi seħtet il ħtijiet tagħha u libset iċ-ċokka ta Terzŭarja. Ŭara 23 sena ta moħkrija ta gisimha mietet fl'1207, ta 48 sena.

*Tifchira* — Fil faċċata ta San Ġuann, il fuknett, hemm *mezzubust* (nofs gisem) tal bronż, cbir seŭŭa, xogħol mil isbaħ ta Algardi, u xbiha tas-Salvatur. Il fûk minnu hemm daŭ'l chelmiet *Salva nos* (Ħarisna) mifrudin minn xulxin b'żeŭġ ittri Alfa u Omega: *bidu u tmiem*: jigifieri Alla.

Da'l *mezzubust,* li giè mdeŭŭeb Ruma bi flus Alessandru Zambeccario, pirjol tal Inghilterra, fis-sena 1639, u mkiegħed haŭn fis-sena 1853, chienu neħħeŭħ mil Cnisja tas-Salvatur, li chien bena' il Gran Mastru Ramon Perellos fix-xatt tal Port il Cbir, biex ikaddsu fiha fil ħdud u smiegħ il kuddies għall baħrîn u'l passiggieri tal bastimenti li jieħlu qurantina, u li chienet iġġarrfet. Ix-xŭieni tal Ordni, kabel ma chienu joħorġu mil Port il Cbir, biex jitkagħbdu mgħat-Toroc, chienu isellmu bil kalb lil dic ix-xbiha mkaddsa.

*Tŭissija*—Fiċ-cimiterji gîb ruħec bi cbira kîma. La tigrix, la tgħaddix minn fuk l'okbra, la titħadditx mingħajr m'hu meħtieġ, la tibkax bil cappel f'rasec, jecc m'hix ix-xita jeŭ ix-xemx, b'gieħ lis-slaleb u lill'jġsma tal insara li hemm midfunîn, u mħabba ucoll li iċ-cimiterji geŭ mbierchin bit-talb tal Cnisja.

*Tifsira*—Il *Carti* li joħroġ l'Iskof biex ighallimmna, jeŭ iŭissina, jeŭ jatina xi cmandijiet, isejjħulhom *Pasturali.* Tâfu il ghaliex? Ghaliex il Cotba Mkaddsa bosta drabi ixebbħu l'insara mgħal merħla u l'Iskof mgħar-ragħaj: U Gesù Cristu Sidna, meta telâk il Cnisia f'idejn San Pietru kalln hecc: "Irgħa il ħrief tiegħi, irgħa in-nħaġ tiegħi." Issa il chelma bil latin *Pastor* tfisser seŭseŭ *ragħaj* (iftacru fil *pasturi* tal presepju), u *pastoralis,* li gejja minnha, *tar-ragħaj.* Mela seŭŭa il chelma tal Iskof tinsieħ *Pasturali.*

*Tagħlima*—L'ilma biex icun tasseŭ tajjeb għax-xorb għandu icun:

1 ċar, li tara minnu;
2 li jingħoġob fit-togħma;
3 mingħajr ebda riħa; katt ma għandu jinxorob ilma li minnu tcun ħierġa xi riħa, tfuħ jeŭ tinten.
4 la chiesaħ u ankas sħûn fix-xitua u frisc fis-sajf. Chiesaħ barra mil kies jagħmel id-deni fil ħalk u fis-snien u jista' igib ħass kaŭŭi tal imsaren. Fis-sajf, bil gisem għarkan, l'ilma chiesaħ bosta jista' igib taklîb minn geŭŭa, b'ugiħ ta żakk li jatic bugħaŭŭieġ, takligħ u saħansitra għaxŭiet tal meŭt. Għalhecc icolloc għalankas tixorbu bokka bokka u ŭara li tcun żammejtu għal dakxejn ġo ħalkec, biex issaħħnu. L'ilma fitiel idardar u ma jaktax il għatx.

*Cliem ta ħabib*—Jecc trid tistâgħna, la titgħallimx biss chif takla', imma ucoll chif ma titlifx Ibża' mill'infîk ta ftît. Ftît u ftît jagħmlu ħafna. La timliex għajnejc bir-rħis; iftacar li bosta drabi jonkof inkas min jonfok ictar. Dac li ma jinħtieġ hua dejjem għali.

*Cliem ta għaref*—Il kari hua bħat-trobbija: il kari ta cotba tajba itajjeb, u'l kari ta cotba ħżiena iħażżen lil mîn jakrahom; jeŭ inchella: chif il cotba hecc mîn jakrahom.—*P. Rossi.*

*Cliem tax-xjuħ*—Nies annuna (li jifthemu bejniethom) igħixu bla muna (bla ħsieb cbir tal ħajja.)

Coll ma tara b'għajnejc hu collu gej mil art: min lilha jaħdem tajjeb, la ibati ġuħ, la bart.

Assaħ (isseħħ actar) chelmiet il Malti minn ħalfiet (ġurament) is-Sultan.

*Curżità*—Fl'America, sentejn hilu, għamlu ligi, li għaliha coll tifel tal iscola għandu igib fûk il berritta sinjal, biex jintagħraf malajr: u'l pulizia għandhom jarrestaŭ minnufiħ daŭc li isibu barra fil ħin tal iscola. U'lmissirijiet li icollhom ħtija talli ma jieħdux ħsieb it-tfal tagħhom jeħlu *multa* (iħallsu xi flus).

*Ċajta jeŭ tbeżbiża* ?—Esempju sabiħ dac li tât ŭaħda xbejba, u l'esempji minn xi dakkiet jisŭeŭ actar minn priedca sħiħa. Kalilha darba ŭieħed: «Sinjurina, ma tlakthiex il għada tal abbatija, bkajt dejjem tilbes ta soru». «Mhux ta soru, għandec tgħid: ta nisranija» — ŭiegħitu hi. «U iva, imma scond fejn u meta; collox hemm il kies tiegħu»—tennilha hu. «Isma—ŭiegħitu flaħħar bil herra—gieħi nibza' għalih dejjem u collimchien; u *jecc tixtiek laħam, mŭr għand il biccier.*

DUN PAŬL.

## Ma dûar il Gzira

Nhar il hadd li ghadda, fil għaxra ta fil-ghodu, ir-Reverendu Professur Dun Duminc Nisi—Sacerdot minn Ruma, li ilu bosta snin haûn Malta—ħa il pussess ta Canonicu-Onorarju fil Culleġgjata ta Birchircara. Nifirħu lilu u lil dac il Capitlu li ghamel bih rebħa cbira.

—Dac li chitbilna ir-Reverendu Cappillan G. C. ingibuh il gimgħa id dieħla. Frattant, nizzuh-hajr ta chemm għoġbu ikaŭŭilna kalbna.

—Fil ħdax ta frar, iż Żejtun, infetħet *Dar għaż-Żgħażaħ (Juventutis Domus),* bħal dic li hemm l'Isla: ħaġa ta gieħ u fejda għal dac ir-raħal cbir, f'dan il kerk u f'dan il għacs li haŭn iduru magħna. Cull-hadd baka' mgħaġġeb bid-*discors* sabiħ li għamel hemm ir-Rev. Dun Giusepp Darmanin DD., M.A: imma aħna, li chellna ix-xorti niżnuħ bir-rekka collha, stajna nobsru x'chellu joħroġ minn fommu. Ir-Reverendu Darmanin għandu moħħ u kalb ta Sacerdot chif jinħtieġu fiż-żmienijet tagħna.

—Nhar il ħamis tal gimgħa l'oħra, l'Avucati(56 ŭieħed)chellhom jatu *pranzu* lill'Avucat tal Curuna, biex jifirħulu talli sar Cavalier bit-titolu ta *Sir,* bħalma conna ħabbarna; imma billi hu dac in-nhar chien iħossu ħazin, il *pranzu* tħalla għal darb'oħra.

—Nirriccmandaŭ li *Scola Privata* tas-Sur Paŭl Borġ (Bormla) fejn ŭieħed jista' iħejji l'ulieđu, seŭŭa għall Liceo u għas-Seminarju, u seŭŭa għat-Tarzna, fl'Ingliż, fit-Taljan, fil Latin, fl'Aritmetica u fuk collox fl'imgiba religjusa. Is-Sur G. A. Azzopardi, li jokgħod Bormla stess, strada *Buon Giorno,* numru 75A, jista' ifieħem aħjar dan li kiegħdin ngħidu aħna.

—Ħareġ ctieb tas-seû mill'isbaħ, taħt l'isem ta *Breve ricordo,* fejn hi miġbura it-tifchira ta cull ma sar, f'april tas-sena l'oħra, mita l'Arci Iskof tagħna għalak it-80 sena. Il ctieb ħareġ bil ħrara tal *Camra Pontificja ta Malta:* u ngħidu *ta Malta* għax *Camra Pontificja* (jigifieri *Xirca bejn daŭc li għandhom xi titolu jeŭ xi decorazzjoni mil Papa*) tinsab f'bosta bliet tal Eŭropa u tal America, saħansitra f'Londra stess, fejn il cotra il cbira tal Poplu m' hix cattolica. Il *Camra Pontificja* tagħna ma beżgħetx għax-xogħol u għan-nefka, biex tgħakkad ctieb chif jixrak lill Monsinjur Paċ u Lilħa. Ŭara tifchira bit-Taljan tal festi li saru, huma miġburin f'dan il ctieb l'Indirizzi collha li tressku kuddiem l'Arci Iskof minn Malta u Għaŭdex u saħansitra minn Gorfû. Sabiħ ŭisk ir-Ritratt ta Monsinjur Paċ li hemm fl'eŭŭel faċċata. Imma dan il ctieb m'hux għall bejħ: il *Camra Pontificja* kassmitu bħala rigal lill Capijet u lil cull-min kankal x'Indirizz. Ħafna copji minnu telku ucoll għall għand il Cardinali u Cbarat oħra ta Ruma.

—Il Carnival, is-sena, barra mir-rass tan-nies fuk xulxin, chien dgħajjef minn collox! Dan ifisser mhux li għamilna il għakal, imma li haŭn il għacs. Ftit chien haŭn cumpaniji ta min isemmihom: imma daŭc tal *Aréoplani,* tal *Chenniesa,* ta li *Sports* u xi tnejn oħra chienu gustusi ħafna u f'li stess ħin onesti. Chien haŭn ucoll cumpanija minn Bormla—*L'Italja u l'Ombri tal Cbar Uliedha*—ta min ifaħħarha; bħalma hi ta min ifaħħarha il poeżija bil Malti (*Versi sciolti* tas-Sur

Felić Buhagiar) li tkassmet min-nies ta din il cumpanija. Li chellna il ŭisa, conna 'ngibuha haŭn dic il poeżija, ghax tas-seŭ li ghoġbitna.

—Dan li stess chittieb (is-Sur Buhagiar) bghatilna poeżija ghall *Habib*, li chienet tixrak hafna din il gimgha: *Fil ġnien taż-żebbuġ*: imma icollna inhalluha ghal mita imissha, ghax, daks chemm ghandna chittieba u hŭejjeġ tal impurtenza f'idejna, ma nistghux indahhlu actar minn poeżija cull darba; u it-tûal icollna inŭarrbuhom ghal-collox. Min ghandu jifhimna, jifhimna.

—Niżżu-hajr lir-Reverendu Patri Ciuti u lir Reverendu Patri Bastjan, Cabuccin, li ghoġobhom jibaghtulna: l'eŭŭel ŭiehed il Panigirici tieghu fuk il *Conversjoni* u in-*Naŭfragju* ta San Paŭl, li jinbieghu sitt soldi ghall carità; u l'iehor l'eŭŭel żeŭġ hargiet tal *Immaculata*, kari fuk hŭejjeġ tal Cnisja, li jitkassam darbtejn fix-xahar u li ahna nirricmandaŭ b'kalbna collha.

—Illum ucoll, biex ma nerġghux inhallu barra in-*Nahal fuk il ŭard*, li hu ta fejda cbira ghall kerrejja li nixtieku ahna, chellna, fl'ahhar mument, inżommu ghal darb'ohra it-*Tŭissijet fuk is-sahha* il Curunell Manchè u dac li chitbilna is-Sur Micallef Goggi fuk *Malta u Mileda*.

—Tibkghux ma takraŭx il harġa tal gimgha id-diehla, ghax icun fiha ir-*Regulamenti tax-Xirca Cattolica*, li huma il pedament tax-xoghol collu taghna ghalicom.

## Minghajr omm!

Tmin snin biss ghandi,—ghadni tarbija
U ġa, jahasra,—sfajt minghajr omm;
Iżjed ghall kalbi—ma hemmx thennija,
Iżjed dahcani—ma icunx da'l fomm.

Ghandi 'l missieri—kalbu hanina,
Ihobbni 'mhabba—bhal ta miġnun:
Imma x'iservi? —Faraġ ghalina
Katt u katt iżjed—ma jista icun.

Tarah, xhin jidlam,—ipoggi hdejja,
Idu fuk spallti—jaghnnakni mieghu,
Ibusni u jibchi,—ghajnejh f'ghajnejja;
Jaka fuk ŭicci—id-dmuh minn tieghu.

Jen nifhmu tajjeb—dac it-tnehid,
Nithem il chisra—t'ghajnejn missieri..
Ghalhecc il hena—hu minni bghid:
Biss tifla 'ltima—taf x'jigifieri.

Minn chif iżernak—sa 'nżul ix-xemx,
Missieri 'msejchen—jahdem u ibati:
Imma min joghżżu—fid-dar ma hemmx
U id-dinja collha—ftit contna tati.

Ghadni tarbija—u 'l ghażiża ommi
Fl'ahjar minn tahha—ghebet ġo kabar:
U mahha mietet—id-dahca f'fommi...
Iżd'Alla hecc ghoġbu,—Hu jati is-sabar.

Prof. DUN C. PSAILA.

5 - 2 - 12.

## IL HOLKIEN

### IL GHAMLA TAD-DINJA

*(jissocta fuk it-tielet harġa)*

Imbaghad dahal fil-loghob it-telescopiu (tromba) u dan chien pass ŭisk il kuddiem. Jean Ricard chien l-eŭŭel ŭiehed li fis-sena 1669 bil ghajnuna tat-telescopiu kies it-tul ta kaŭs ta meridiana, jigifieri nofs id-dinja; nghidu ahna, jecc id-dinja indonnuha laringa, gie kies linja miġbuda minn zoccha ghal żocritha, u il grad tieghu hariġlu ta 364,613 pied.

Sa dac iż-żmien l-istudiu tal kisien ta l-art chien kieghed jghodd li id-dinja ghandha il ghamla tonda bhal ta boċċa; imma haġa li chixef Jean Richer li miet fis-sena 1696 ġaghlet lill ghorrief jithmu li il ghamla tad-dinja ma hix ghal collox bhal boċċa. Dan l-astrònomu li l-Accademia ta Parigi chienet baghtitu fil gżira ta Cajenna, fl-America ta isfel, biex jaghmel certu studiu tal astronomija, osserva li l-arloġġ tieghu chien jibka l-ura daks żeŭġ minuti u nofs cull jum f'Cajenna, u biex igibu jimxi mal hin tax-xemx chellu ikassarlu il pendlu b-actar minn linja(dŭar mit-tnax ŭahda ta pulzier).Din il haġa, li chemm chemm setghet titŭemmen sa chemm ŭettakha hadd iehor li ġarrabha fuk il costa tal Africa u tal America, harget bit-tifsir taghha collu ghal l-eŭŭel darba fil ctieb ta Newton imsejjah *Principia*, li ŭera li setghet tcun gejja biss milli l-art hemmecc ma tiġbidx lejha daks chemm tiġbed fi bnadi ohra, seŭŭa ghax f'daŭc l-inhaŭi ŭiċċ l-art jigi forsi boghod mic-centru tad-dinja actar milli huma inhaŭi ohra tieghu, chemm ucoll imhabba xi haġa ohra li ghandha x'taksam mal forza tad-daŭran tad-dinja.

Bejn is-sena 1684 u is-sena 1718 J.u D.Cassini imhabba il kabża li sabu bejn il kies tal grad minn Parigi il fuk sa Dunchere u il kies tal grad minnParigi l-isfel sa Colliure katghuha li id-dinja taŭŭalija ghamla ta bittiha, b'ponta ŭahda ġot-tramuntana u l-ohra ġo nofs in-nhar. Din taghhom chienet iżda contra it-taghlim ta Newton, u ghalecc tât loc ghal hafna studî li sâru mil Franciżi. Daŭn irnexxielhom jippruvau li id-dinja hi ghamla ta larinġa u mux ta bittiha,jigifieri tonda,b-ghafsa ŭahda fil parti tat-tramuntana u b-ohra fil parti tan-nofs in-nhar u din it-taghlima żammet shiha sal lum bla hadd, hlief xi ŭiehed li jrid jaghmilha tal gustus, ma jissogra jmeriha.

*(Jissocta)* G. VASSALLO.

## GHAMAJJAR U BTIETI TAL CARTAPISTA.

Mil gażetti ta Barra, chellna nagharfu illi geŭŭa li Stati Uniti, (l'America), chif ucoll fil Germanja, kieghed jinhadem xoghol sabih ŭisk, xoghol, biex niftehmu ahjar, li sachemm inbeda hadd ma chien johlom bih. Min katt chien jobsor illi f'daŭn l'Artijet li ahna semmejna kieghdin jinhadmu siġġijet, bibien,imŭejjed, gredenzi u dac collu li titlob il ghamara, bil hàlja cartapista? Issa, il ghageb m'hux dan; imma li din il *cartapista*, hadd ma jaghrafha mil li stess injam, tant mis-sahha, mil leŭn u mil verniċ, chemm ucoll mil ġmiel tax-xoghol.

Dan ix-xoghol icun mehtieġ bil bosta sabiex jinhadmu il btieti li illum il ġurnata kieghdin isiru tal injam, biex niftiehmu ahjar irrid nitchellem minn daŭc il btieti li jitkieghdu geŭŭa fihom hŭejjeġ mahlulin — żejt, inbid u hŭejjeġ bhal daŭn. B'daks-hecc, ŭiehed jista' ighid illi il btieti tal *cartapista* jiġu ikumu mittlieta ŭahda ghal darbtejn u daks-hecc ihor jonksu fit-tokol. Niftiehmu ahjar: jecc bittija tal injam tigi tisŭa sitt xelini, dic tal *cartapista* tigi tkum tnejn; u jecc dic tcun tiżen sittin ratal, din tal ahhar tiżen seŭŭa seŭ ghoxrin: imbghad, jecc ŭiehed jigi ghal dic li hi sahha u ghal chemm żmien jibkghu iservu, insibu illi bil ŭisk u bil ŭisk idumu ma jintemmu ictar minn daŭc tal injam.

Minn haŭn u ftit taż żmien iehor, sejjrin jinfethu fabrichi ghal dan ix-xoghol f'Parigi u geŭŭa Londra. G.M.B.

## Risposta

Ghedna fl'eŭŭel u fit-tieni numru tal *Habib* illi il kampiena ma iddokkx fil kuddies, meta icun hemm Gesù Sagramentat espost ghall'Adurazzjoni, ghaliex ŭiehed ghandu jissopponi li f'dac il ŭakt l'insara ghandhom icunu ghar-rcuptejhom jeŭ ghall'inkas imŭarrbin taht innavi.Issa ŭiehed li ried jiffirma *Karrej*, ŭara li ghoġbu jirringrazzjana tat-taghlima li tajnih fin-numri li mghoddija, talabna li innehhulu difficultà ohra, jigifieri ghaliex il kampiena iddokk ŭakt il Barca tas Santissimu.

Il kampiena, fil Cnisja, f'cull hin li tindakk, ma ghandhiex tindakk hlief biex tati xi sinjal. Ghal-hecc, il kampiena tas-sagristija tfisser li hierġa xi kuddiesa, dic tal Cappella tas Santissimu turi li is-Sacerdot sejjer ikarben, dic ta ŭakt il kuddiesa biex tavża li is-Sacerdot ŭasal fis-*Sanctus* jeŭ li sejjer igholli l'Ostja u il Calici ghall kima tal insara, jeŭ li ŭara li tkarben hu sejjer ikarben lil hadd-iehor. U ghal-hecc ghedna diġà li it-tocchi ta kabel il Consagrazzjoni propriament ma hemmx loc li isiru, ghaliex ŭiehed ghandu jahseb li mas-*Sanctus*, jigifieri malli is-Sacerdot icun kal *Kaddis, Kaddis, Kaddis*, cull hadd ghandu icun inxtehet ghar-rcuptejh. Imma, ġà la darda ghandna dan l'użu, m'hux ta min inehhieh, ghaliex, jecc m'hux haġ'ohra, iŭiddeb lil min icun imŭarrab fejn il Kassis icun ŭasal fis-sagrificcju.

Geŭŭa is-sagristija ghandcom dejjem issibu habel ċchejchen, li jiehu sa fuk il Campnar, fejn hu marbut ma kampiena żghira, li tavża lin-nies ta hemm fuk biex idokku il kniepel, u hecc il Poplu icun jaf x'kieghed isir fil Cnisja. Ŭiehed missinjali li tati lin-nies ta fuk il Campnar dic il kampiena li tindakk mis-sagristija, hu li fil Cnisja tcun kieghda tintghata il Benedizzjoni Sagramentali. Ghal-hecc l'abbati icenpel il kampiena ŭakt il Benedizzjoni:mhux biss biex in-nies ibaxxu rashom sa chemm il Kassis jati il Barca; imma specialment biex igharraf lis-sagristan, li icun kieghed geŭŭa, li ŭasal il ŭakt tas-sinjal. Minn haŭn taraŭ chemm hi haġa ŭisk seŭŭa li il kampiena iż-żghira tindakk bi ftit tocchi malli is-Sacerdot jibda idur ŭiċċu il-barra bis-Sagrament u bi ftit tocchi ohra ŭara li icun dar, chif jużaŭ xi Cnejjes; ghaliex hecc min icun barra ma icollux bżonn idum żmien tŭil bil cappell f'idu. Hu tant sabih l'użu li in-nies, chif icunu mexjin fit-torok jeŭ fejn jinsabu, malli jisimghu il kniepel idokku is-sinjal ta Benedizzjoni,inehhu il cappell,li il Cnisja 'Mkaddsa ta din il kima tatihom indulgenza; u tati indulgenza ucoll lil cull nisrani li ighid *Sia lodato* (ICUN IMFAHHAR), malli jisma' il kniepel ta Campnar jaghmlu is-sinjal tal *Elevazzjoni* ta Kuddiesa cantata.

DUN ĠŬANN.

## Fuk Ix-xorb

Ma chienitx siegha dic li fettilli fl'eŭŭel numru tal *Habib* ingib seŭ seŭ fuk il mishut vizzju tax-xorb!Chiecu tafu chemm x'uhud tfantsu u nafru, ghaliex kàlu illi jen stajt tchellimt fuk *is-socor* u mhux fuk *ix-xorb*.

